# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru (62) tnejn u sittin tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar il-Ħamis, 25 ta' Novembru, 2010 fis-6:30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Grace Marie Mallia mill-ewwel kienet infurmatna illi fid-data suġġerita mis-Sindku, hi mhux se tkun tista' tattendi għal din il-laqgħa. Minkejja li din il-**laqgħa kienet skedata għat-Tlieta, 23 ta' Novembru**, 2010, is-Sindku, permzz ta' e-*mail* ippropona li tinżamm jumejn wara għaliex il-kunsillieri kellhom stedina mis-Soċjeta' Sta Marija biex imorru jaraw logħba futbol fil-ground tal-Imqabba u inzertat kienet fil-ġurnata tal-laqgħa tal-KLM.

2. Is-**Sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

3. **Il-minuti** li kienu mibgħuta mis-SE permezz ta' e-mail lill-kunsillieri ma sarulhom l-ebda korrezzjoni u **kienu approvati unanimament.**

**Punti mill-minuti**

4. Dwar il-mixja li saret bl-iskop li jintlaqgħu **donazzjonijiet għall-*Community Chest Fund,*** nhar il-Ħadd, 21 ta' Novembru, 2010 fl-inħawi tal-Imqabba, tas-Siġġiewi u l-Qrendi attendew għaliha wħud mill-kunsillieri, il-familjari tagħhom, l-istaff klerikali u persuna waħda biss barranija bi tlett itfal. Is-Sindku qal li hu kien qed jantiċipa nuqqas ta' nteress minkejja li din kienet ta' ġid għal saħħet l-individwu u s-sinifikat u l-għan nobbli ta' din il-mixja. Hu qal li sfortunatament, huma ftit dawk li jieħdu gost jimxu. Hawn sar aċċenn biex norganizzaw *a car free day* ħalli nagħmlu n-nies aktar konxji mill-użu inqas tal-vetturi speċjalment nhar ta' Ħadd. Issemma' wkoll kif dak in-nhar tal-mixja inżammet l-attivita' sportiva organizzata mis-Soċjeta' Sta Marija f'Misraħ il-Fidwa fejn saru diversi **tlielaq bil-go carts** u l-muturi. Il-KLM kellu diversi lmenti minn residenti li joqgħodu mad-dawra tal-bandli minħabba storbju *b'public address* system, storbju ta' tvenvin u dħaħen u kien deċiż li fil-futur ma jingħatawx aktar permessi għal dawn it-tip ta' attivitajiet sportivi f'postijiet residenzjali. Din l-attivita' damet sejra għal ħin konsiderevoli anke wara nofs-in-nhar.

5. B'riferenza għall-konklużjoni tal-kostruzzjoni ta' **Triq San Mikiel** bil-pavimentar, is-Sindku kkonkluda li din tidher nieqsa mir-ramel fil-parti t'isfel tagħha. Hawn kienet qed issir referenza għar-ramel tal-baħar li bih tħallbet iċ-

ċangatura fil-wiċċ u mhux għaliex tidher xi *depression.* Il-KLM kellu kliem ta' tifħir għax-xogħlijiet.

6. Waqt **il-kostruzzjoni ta' Triq Innoċenz Zammit** il-ħaddiema tal-kuntrattur tal-KLM, Asfaltar Ltd ħaffru 'l isfel madar sular biex tiġi eliminata medda tad-drenaġġ antika li kienet tgħaddi minn taħt id-djar viċin il-by-pass. Is-Sindku qal li din il-medda l-antika kienet tgħaddi minn taħt ir-residenzi u taqsam Triq il-Konvoj ta' Sta Marija. Wara li kienet solvuta il-problema tad-drenaġġ ta' żewġ residenti, issa tpoġġew il-*main* tal-ilma madwar metru 'l isfel mill-wiċċ tat-triq. Is-Sindku qal li din l-ispiża daħlu għaliha il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma filwaqt li l-KLM se jinsisti sabiex l-ispejjeż tas-*cement stabilization* ikunu rifonduti lilna mill-KSI filwaqt li biex ma jitwaqqafx ix-xogħol se jagħmel tajjeb għall-ispiza tas-*cement stabilization* li ser jitpoġġa taħt wiċċ it-triq biex jissoda il-bażi tagħha wara li l-perit iċċertifika dak li qal il-kuntrattur tal-KLM, jiġifieri li din hija mirduma b'materjal instabbli għall-aħħar. Madankollu Noel Galea qal li fil-parti t'isfel se niffrankaw €3,740, għaliex din m'hemmx għalfejn tingħata *cement stabilization* peress li ma nqalgħux il-*mains* tal-ilma u lanqas tad-drenaġġ. Il-KLM qabel unanimament illi din l-ispiża addizzjonali tkun approvata biex ma jkunx hemm problemi wara ftit li tinkesa bit-tarmak.

7. Transport Malta lestiet il-**manutenzjoni** li saret bil-*Hot Rolled Asphalt* fi **Triq tas-Sejba** viċin ir-razzett tal-Bully. Dan wara li kienu feġġew xi xquq illi setgħu jgħerru l-irdim tat-triq minn taħt bl-ilma tax-xita li kien qed jidħol fil-pedamenti massiċċi li hemm f'din il-parti tat-triq mibnija fuq barriera mill-KLM. Il-KLM se jagħmel ir-*road marking* li hemm bżonn fuq it-tarmak il-ġdid anke saħansitra billi jħallas hu stess għall-gwardjan lokali sabiex jassisti lill-ħaddiema tal-IPSL.

***8.*** Qed nistennew illi fil-jiem li ġejjin il-fornitur *Tiffranka dot com* jġibilna il-***computers* tal-*internet café*** peress li dawn ma kienux qed jaħdmu filwaqt illi jsewwi il-ħsara tal-computers li hemm fl-Isptar il-Qadim u jinstalla il-linja tal-internet biex ikun jista' jsir il-kors tal-***computers fl-internet.***

9. Saret referenza għal-**laqgħa plenarja** tal-kunsillieri li saret nhar is-Sibt 20, ta' Novembru, 2010. Is-sindku qal illi minkejja li hu u Grace Marie Mallia attendew, iħoss li l-ħlas mitlub mill-**Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali** kien wieħed esaġerat. Hu qal illi l-laqgħa tas-Sindku tkun koperta b'€35 u l-prezz jitla' minħabba li meta din tkun Għawdex jidħlu l-ispejjeż tal-*lodginig*.

10. Is-sindku semma' l-laqgħa li saret għall-voluntieri li taw sehmhom fl-attivita' kulturali l-**Imqabba mal-Medda taż-Żmien**, tal-1 ta' Ottubru, 2010. Din il-laqgħa saret nhar il-Ħamis, 11 ta' Novembru, 2010 u ingħata token żgħir tal-okkazjoni fl-Isptar il-Qadim.

11. **Kartolini tal-Milied** kellna biż-żejjed minn tas-sena l-oħra. Fil-lista ta' dawk li s-soltu nibgħatulhom kopja, żidna lill-membri l-ġodda tal-***Mqabba Youth Local***

***Council*** li twaqqaf dan l-aħħar. Dawn iż-żgħażagħ propju nhar is-26 ta' Novembru, 2010 se jiltaqgħu fil-bini amministrattiv tal-KLM fil-għaxija u jagħmlu l-ewwel laqgħa tagħhom. Dawn huma mistennija li issa jaħtru s-sindku tagħhom u s-SE u se jippruvaw jaħdmu biex iġibu fondi ħalli jwettqu proġett ta' fejda għall-Imqabbin. Is-sindku qal li se nistednuhom jiġu għall-waħda mil-laqgħat tal-KLM.

12. Is-sindku tkellem ukoll dwar il-**kors tat-tpenġija bażiku II.** Hu qal li dan se jibda l-ġimgħa d-dieħla propju nhar is-Sibt 4 ta' Diċembru, 2010 ħalli jilħaq jintemm sakemm jibdew l-eżamijiet tat-tfal biex ma ntellfulhomx mis-sena akkademika. Hu qal li tajjeb illi nibgħatulhom ittra mill-KLM biex inħeġġu lill-istudenti tal-kors bażiku I jattendu għal dan il-kors li se jkun jiswa €25. Peress li l-istess għalliema se tkun qed tesebixxi pittura tagħha fl-istess Sptar il-Qadim fejn jinżammu l-klassijiet tat-tagħlim, se ntellgħu l-imwejjed u s-siġġijiet fil-kamra ta' fuq biex tintuża l-għorfa. Dwar l-**esebizzjoni tal-pittura** Ms Tonna kienet infurmata biex tieħu ħsieb l-assikurazzjoni hija stess jekk tħoss li għandha tagħmel waħda, u s-Sindku se jiltaqa' magħha sabiex ma ssirx ħsara fil-ħitan b'toqob addizzjonali.

13. Issa li nħadmu mill-ħaddiema tal-IPSL id-**diżinji dekorattivi** li se jeħlu mal-antarjoli fil-ġranet **tal-Milied fil-Pjazza tal-Knisja,** inxtara ir-*rope light* biex jitwaħħlu ma dawn il-forom filwaqt li se tkun mogħtija l-provvista tal-elettriku biex jinxtgħelu fil-ġurnata stipulata u li kienet infurmata biha is-soċjeta' li din is-sena jmissha tarma dawn id-dekorazzjonijiet.

14. Għall-**ħarġa fil-*Marsovin Wine Vaults,*** is-Sindku qal li Mersia Mackay qaltlu illi kontra għal dak li kien suġġerit waqt il-laqgħa preċedenti ta' dan il-Kunsill, dan il-kumpanija biss torganizza tours ta' din in-natura. Għaldaqstant il-KLM kompla jorganizza kollox biex jinġabru n-nies ħalli tirnexxi din il-mawra.

15. Sal-llum għadna ma nafux bl-ebda żblokk li setgħa kien hemm minn naħa tal-awtoritajiet fil-konfront tal-**Kumitat Konġunt Zurrieq** tal-Infurzar tal-Liġijiet. Is-Sindku qal li s'issa jidher li hemm kollox *status quo* meta hu ttamat li jkun hemm direzzjoni ċara ta' kif wieħed għandu jamministra sakemm jieħu kollox ir-reġjun tax-Xlokk.

16. Il-**problema tal-pannelli fotovoltaiċi** li għadhom mhux qed irendulna minkejja li ilhom installati fuq il-bejt tal-Isptar il-Qadim minn Ġunju, tidher li qed tiġi **ttrattata bħala ballun.** Dan għaliex il-Korporazzjoni Enemalta tgħid li hija ma' rċeviet xejn filwaqt li l-Awtorita' Maltija għar-Riżorsi tgħid li kullma fadal hu li jitwaħħal il-*meter* mill-korporazzjoni. Il-problema reġgħet tqajmet meta s-SE ta struzzjonijiet biex jinbidel il-meter tal-elettriku għal *smart meter* u meta marru l-ħaddiema fil-fatt dawn ma waħħluhx għaliex qalu li dan ma kienx addattat.

17. Fil-jiem li ġejjin se nkunu qed nospitaw lis-**Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju** fl-Isptar il-Qadim biex nonoraw il-permess li ħareġ minn dan il-KLM.

18. Ir-**Residenza San Vinċenz de Paule** tat risposta għall-*e-mail* tas-SE meta talabhom sabiex naraw kemm hemm residenti mqabbin hemmhekk ħalli l-kunsillieri jkunu jistgħu iduruhom u jferrħuhom xi ftit fil-ġranet tal-Milied. Is-Sindku qal li diġa' minn meta ħarġet il-lista mietet persuna minnhom. Ġie deċiż illi l-mawra ssir nhar id-9, ta' Diċembru, fl-4:00pm u se nagħtuhom xi frott.

19. Is-sindku semma' **l-proġett tat-tindif fl-inħawi tar-*runway* tal-Ajruport Inernazzjonali ta' Malta (MIA).** Jekk kollox isir kif ippjanat se nottjenu €450 mill-Gvern Ċentrali li se jgħadduhomlna fil-ġimgħat li ġejjin biex il-perit ikun jista' jagħmel il-BOQ's imbgħad il-kont jiffinanzjawh l-istess MIA.

**Agenda**

*20.* Il-KLM għażel mil-kwotazzjoni sottomessi tal-**bankijiet** (**park benches**) dawk tal-fornitur Anton Zarb, filwaqt li skarta dik ta' SR Services. Ġie magħżul il-mudell 500, tal-1.5 metri tul b'żewġ saqajn bl-*arm rests.* Minn dawn il-bankijiet se jinxtraw sitta li jiswew lill-KLM €300.9-il wieħed għal total ta' €1,805.4. Dawn il-bankijiet se jintużaw fi ġnien il-Ġibjun li fih se titwaħħal il-lanterna solari li taħdem bil-batterija li diġa' kienet ordnata minn għand *Alberta Fire and Security.*

21. Għall-kwotazzjoni biex il-KLM jaħtar ***Accountant,*** il-kunsillieri preżenti qalu illi ma jemmnux illi l-orħos rati fis-siegħa sottomessi minn dawn il-kumpanija se jissidisfaw il-ħtiġijiet tal-Kunsill. Ġew eliminati dawk li tefgħu l-offerta b'ammont fis-sena għaliex jidher li l-KLM mhux se jkollu l-bżonn li jirrikorri għal dawn is-servizzi ta' spiss għajr ftit ġranet fis-sena. Kienu ikkunsidrati l-kwotazzjonijiet fuq il-mertu tagħhom u l-KLM ħass li kellu jmur għal dik mitfuħa minn Richard Falzon minħabba l-esperjenza li kellu s'issa magħna minkejja li din kienet limitat sabiex issolvew id-diffikultajiet li qalgħulna kemm l-Udituri tal-Gvern kif ukoll dawk tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur. Dwar din l-għażla kien hemm qbil unanimu.

22. Il-KLM qabel illi jagħti l-offerta tal-**patterned concrete** lill-uniku fornitur li tefa' l-kwotazzjoni – Char Constructions tas-Sur Charlo' Grech. Is-Sindku qal illi ir-rati huma skond il-prezz tas-suq meta ċċekkja minkejja u dan kien l-uniku fornitur li tefa' l-kwotazzjoni fil-ħin u l-ġurnata stipulata fl-avviż. Il-kunsillieri qablu illi meta jiġi biex ikun magħżul id-diżinn, għandu jintgħażel l-aktar wieħed li jkun fih xquq f'xulxin sabiex nassiguraw li dan il-*patterned concrete* li hu maħsub li jinħadem **fi Triq il-Fjuri**, jkun *non slip.*

23. Il-Kunsill Lokali Mqabba għażel li tingħata l-offerta tal-Ġbir tal-Iskart Organiku Mħallat bieb b'bieb lis-Sur Joseph Zammit fuq dawn il-punti li ġejjin

(A) Peress li bħalissa m'għandux trakk (*Refuse Collection Vehicle, RCV*) li jaqa' taħt il-klassifikazzjoni tal-Ewro, mat *tender document* kellu anness notifika li jekk jinghata t-tender huwa jintrabat li jixtri (u jużа) RCV Ewro 4 mhux aktar tard minn sitt xhur li jkun mogħti il-kuntratt. Fin-nuqqas ta' dan il-kuntratt jiġi xolt u l-Kunsilli Lokali Mqabba u Ħal Safi jżommu d-dritt li jduru fuq it-tieni offerent bil-kuntrattur Ludovic Ghigo u jekk dan ma jaċċettax joħorġu offerta mill-ġdid. Il-Kunsill Lokali Mqabba ħass b'din id-deċizjoni li huwa aktar aċċettabbli li jkollna tliet snin u nofs bi-truck Euro 4 milli erba' snin b'Euro 3 fejn jidħlu emmissjonijiet. Biex il-KLM jaħseb għal dan kollu, tnaqqsu l-punti (dawk fornuti lilna fit-*tender document*) tas-Sur Zammit għall-17.5 minn 20 f'din il-klassifikazzjoni, jiġifieri b'wieħed minn tmienja, peress li l-kuntratt hu għal erbgħa snin u kull sena fiha żewġ sitt xhurijiet.

(B) Ma ingħataw l-ebda punt minn 20 allokati għal din il-parti, lil Ludovic Ghigo fil-klassifikazzjoni li tirrigwardja ir-*reference letters* għaliex dik meħuda minn Ħal Kirkop, hija fuq persuna oħra u mhux Ludovic Ghigo filwaqt li dik meħuda minn Raħal Ġdid mhix realistika għaliex kien ikkalkulat li skond ir-referenza li ħareġ is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Paola, Ludovic Ghigo beda jopera meta kellu biss tlettax-il sena, li huwa illegali. Dan ħareġ waqt il-laqgħa li saret aktar kmieni dan ix-xahar bejn is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali Ħal Safi. Mill-banda l-oħra l-kuntrattur Zammit kellu żewġ ittri ta' referenza tajbin miż-żewġ Kunsilli (Safi u Mqabba) li ilu jopera magħhom għal dawn l-aħħar snin. Ghalhekk ħa l-punti massimi. Kif mitlub minna wkoll ġew notifikati l-Kunsilli Lokali kollha, iżda ma kien hemm l-ebda Kunsill Lokali ieħor li ddikjara li xi darba ta *default notice* lil xi wieħed minn dawn il-*bidders*.

Spjega aħjar kif ingħataw il-punti qiegħdin fit-tabella annessa .

| Criteria | Max percntg pts | Zammit | Ghigo |
|---|---|---|---|
| Necessary capacity and experience to conduct the required services | | | |
| 1.1 Human Resources to be dedicated to the contract | 15 | 15 | 15 |
| 1.2 Ownership of waste collection vehicles to be dedicated to the contract | 10 | 10 | 10 |
| 1.3 Date of manufacture of collection vehicles | 10 | 0 | 10 |
| 1.4 Engine model of collection vehicles | 20 | | |
| Euro 1 – 1 point | | 0 | 1 |
| Euro 2 – 5 points | | 0 | 0 |
| Euro 3 – 10 points | | 0 | 10 |
| Euro 4 – 20 points | | 17.5 | 0 |
| 2 References of successfully completed contracts of similar nature and execution | 20 | 20 | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3 Number of default notices issued to the bidder on past contracts – the past 36 mnths only | 25 | 25 | 25 |
| Total | 100 | 87.5 | 71 |

Għal ittra ta' klarifikazzjoni li irċevejna u ġibna għal-attenzjoni tal-Kunsill saret referenza għal laqgħa ġewwa Ħal Safi fejn kienet mitluba spjegazzjoni lil Joseph Zammit għaliex fuq il-*Bills of Quantities* poġġa figura għolja ħafna komparata ma' dik ta' Ludovic Ghigo għat-tbattil tal-*iskips* meta fl-iskeda pprovduta fl-offerta kien jidher ċar li skips fl-Imqabba u Ħal Safi hawn biss waħda (dik tal-lokalita' tagħna fi Triq San Mikiel). Il-kunsillieri kienu infurmati minn Joseph Zammit illi l-figura kienet għolja għaliex hu fehem li t-*tender* talbet għal żewġ metodi u waħda minnhom kienet tgħid jekk l-irħula kellhom jaqilbu għas-sistema tal-iskips u jiġbor it-tunellaġġ kollu msemmi fil-BOQ fi *skips* biss. Dan minkejja li kien se jnaqqas il-ħin tal-ġbir tal-iskart, xorta kien se jkollu jagħmel assikurazzjoni addizzjonali fuq l-*iskips* provduti minnu. Hu qal li f'din l-eventwalita' ried ukoll ħinijiet sostanzjali biex inaddafhom. Dwar l-*iskip* intqal illi preżentement għal dik ta' Triq San Mikiel, li kien żied fil-kuntratt il-KLM, bħal issa qed inħallsu €23.29 fix-xahar u f'ittra ta' klarifika li rċevejna minn għand Joseph Zammit, hu qiegħed jitlob €1 kull jum għat-tbattil ta' din l-iskip. Paul Spiteri qal li bħalma bagħtna għas-Sur Zammit għandna nibgħatu wkoll għas-Sur Ghigo sabiex ifiehmna għaliex naqas li jikkwota kemm hu mistenni li jiġbor ammont ta' skart f'tunnellaġġ. Barra minn hekk is-Sur Spiteri qal li għandna nitolbu l-ispeċifikazzjonijiet tal-vettura li se jixtri. Is-Sindku wieġeb li skond kif speċifika fid-dokument anness mat-tender l-ispeċifikazzjoni hija ta' Euro 4 għax hekk qiegħed jintrabat li jixtri Zammit jekk ikollu jieħu l-kuntratt. Is-Sindku qal li jekk nibgħatu għalih (Ghigo) għandna nistaqsuh kif wasal biex niżżel il-mili li se jagħmel kull jum bħala ġbir u traġitt lejn l-Għallis/Sant Antnin, għaliex dan se jaffettwa l-*fuel* jekk ma ħax in kunsiderazzjoni li jimla' *trip* wieħed u kkalkula l-ispejjeż fuq hekk.

Wara li ġew eżawriti l-punti ta' diskussjoni kollha ġew magħluqa it-*templates* kif mogħtija lilna. Stabbilejna kif ser jinħarġu kalkoli ġusti dwar il-persentaġġ f'punti li għandu jingħataw liż-żewġ *bidders.* Il-punti fuq it-teknikalita' tal-offerta kienu 52.5 minn 60 punt lis-Sur Zammit u 42.6 minn 60 punt lis-Sur Ghigo. Il-KLM iddeċieda dwar il-parti ddedikata lill-*Bills of Quantities* illi jaqsam 25 punti fuq kull item minn 1.1 sa 1.4 (b'100 punt totali). Ghaldaqstant fuq kull item, min kien l-orħos ġie mogħti 25 punt u min kien l-ogħla ma kien moghti l-ebda punt.

Għaldaqstant Ghigo kien moghti 50% tal-punti, jigifieri 20 marka minn 40, fuq *items* 1.3 u 1.4, u Zammit kien moghti 50% tal-punt, jiġifieri 20 marka minn 40, fuq *items* 1.1 u 1.2.

Meta ingħaddew il-punti kollha, is-Sur Zammit ġab 72.5 punt u s-Sur Ghigo ġab 62.6 punt.

**Punti oħra**

24. Il-KLM iddiskuta l-ikla annwali għall-istaff li ma tridx taqbeż it-*treshold* mogħtija fil-memo numru 122/2010 aktar kmieni din is-sena mid-Direttur Ġenerali. Is-SE qal li jrid jitlob direttiva jekk humiex se jkunu ikkunsidrati bħala parti mill-ħaddiema tiegħu, dawk li ma jinsabux fuq il-*payroll* direttament tal-Kunsill. Jiġifieri il-ħaddiema tal-IPSL u tal-*Community Works Scheme.*

25. Is-Sindku informa lill-kunsillieri **b'invit li ntbgħat lilu fejn il-Partit Laburista** stidinhom għal nhar is-16 ta' Diċembru, 2010 għal festin tal-Milied fis-7:30pm fis-swali tal-każin.

26. Is-Sindku żamm lill-KLM infurmat illi il-**Perit Bezzina naqqsilna €100 mill-kont** tiegħu li l-KLM kien ikkunsidra għoli ferm biex ġew sottomessi il-permessi lill-Transport Malta biex isiru *parking bays* wara xogħol ta' tarmak fir-raħal.

**27.** Is-Sindku qal li l-**Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma** bagħtulna komunikat illi kif naslu għall-kisi bit-tarmac tal-*area* ta' Triq Ħal Kirkop, jiġifieri Triq il-Murselli, Triq iz-Zurrieq u s-*service road* minn Triq il-Murselli sa Triq il-Mentna huma se jagħmlu ***main* tad-drenagg għal spiża konsiderevoli ta' €19,000.**

28. Kienu approvati **Purchase Request Forms** numru 397 u 398 u se jkunu imnaqqsa €50 minn fuq **purchase request form** diġa' approvata u li s'issa ma kienx iffirmat ic-cheque li wkoll kien lest biex jiġi mpustat. Dawn l-ispejjeż huma relatati mas-servizzi tal-apparat tas-sound li nkera' fl-attivita' kulturali tal-1 ta' Ottubru, 2010. Dan kien deċiż minħabba li s-servizz ma kienx kif mixtieq mill-*bands* li daqqew matul is-serata.

29. Il-KLM irċieva ittra minn għand **familja** li toqgħod fi Triq il-Kileb fejn qed titlob **refużjoni mill-KLM għall-ħsarat li saru *f'computer*** personali waqt li kien qed isir xogħol mill-kuntrattur Asfaltar Ltd. Is-Sur V Attard qed jitlob €140 għall-*power supply* li nħaraqlu meta intlaqtu xi *cables* tal-elettriku waqt ix-xogħol. Minkejja li fuq l-irċevuta m'hemm l-ebda referenza li inxtara *power supply* u mhux xi ħaġa oħra minn għand Leonardo, Zurrieq, is-SE staqsa lis-sindku li ntbagħtet l-ittra lilu u li kien jaf b'dan l-inċident jekk sarx rapport l-Għassa tal-Pulizija. Hawn is-Sindku qal li ma jafx jekk sarx rapport jew le. Intant il-KLM iddeċieda li jibgħat l'ittra għar-refużjoni lill-kuntrattur u jikkopja lis-Sur Attard bl-ittra.

30. Fi tmiem is-seduta kienet imsemmija l-estenzjoni li se jagħmlu wkoll il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq Valletta viċin il-ħnejja l-antika biex jgħaqqdu **medda tad-drenaġġ** ma' oħra.

31. Il-**laqgħa ntemmet fl-10.00pm** u se tinżamm dik li jmiss nhar it-Tlieta, 7 ta' Diċembru, 2010 fis-6:30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati illum 6/12/10 minn Noel Galea
Segretarju Eżekuttiv Sindku